# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## ILLUM IS-7 TA' APRIL 2022

**Kawza Numru: 5**

**Rik. 109/2020 RGM**

**Redent Pintley**

**vs.**

**It-Tabiba Dr Josephine sive Josianne Cutajar fil-kapacita` taghha ta' Kap Eżekuttiv, u t-Tabib Dr. Ronald Fiorentino fil-kapacita` tieghu ta' direttur, tal-Facilita` St Vincent de Paul**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Redent Pintley** ippreżentat fil-5 ta' Frar, 2020 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm premessi talab lill-Qorti:

i. Tiddikjara lill-intimati jew lil min minnhom responsabbli għal atti preġudizjevoli fil-konfront tar-rikorrent, u li jikkostitwixxu abbuż u irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu egħmil null, invalidu u mingħajr effett ai termini ta' l-Artikolu 469A (1)(a) in kwantu ma ġiex rispettat l-Artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u li tali għemil huwa *ultra vires* ai termini ta' l-Artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) u dan ghaliex dan l-għemil twettaq minn awtorità pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu; u/jew l-istess konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-principji tal-ġustizzja naturali jew ħtigijiet proċedurali mandatorji fit-twettieq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż ta' l-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa w issejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti, in kwantu tali miżuri ma tteħdux minħabba esiġenzi ġustifikati; u/jew li l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi;

ii. Tiddikjara li bħala riżultat ta' tali egħmil ir-rikorrent sofra danni pekunjarji konsistenti f'telf finanzjarju konsegwenza taż-żamma tas-sahra allokata għan-Nursing Aides riżultat tat-trasferiment arbitrarju tiegħu mit-Taqsima Infermeristika għat-Taqsima tas-Servizz Ġenerali tal-Faċilita' San

Vinċenz de Pawli għal żmien sena mis-7 t'Awwissu 2018; tillikwida tali danni pekunjarji sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u ħamsin euro (€27,257.00) jew somma verjuri, u tordna lill-istess intimati jew lil min minnhom sabiex jħallsu lill-esponent tali somma hekk likwidata;

iii. Tillikwida li r-rikorrent sofra danni psikoloġiċi bħala riżultat ta' tali egħmil, tillikwida tali danni psikoloġiċi u tordna fi zmien qasir u perentorju lill-istess intimati jew lil min minnhom sabiex jħallsu lill-esponent tali somma hekk likwidata;

iv. Tiddikjara nulla, invalida u mingħajr effett fil-liġi s-silta f'paġna 5 tal-konklużjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina fejn jingħad:
*"Considering the seriousness of the allegations, the Disciplinary Board feels that the administration of SVP-LCT was most prudent and correct in deciding on the measures taken to ensure the necessary precautions until the case was decided by the Disciplinary Board"*; u

v. Tagħti lill-intimati jew min minnhom dawk id-direttivi u ordnijiet oħra li jidhrulha xierqa u opportuni."

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuti Dr. Josephine sive Josianne Cutajar nomine u t-tabib Dr. Ronald Fiorentino nomine** ppreżentata fis-7 ta' Mejju, 2020 fil-kapaċita' rispettiva tagħhom ta' Kap Eżekuttiv u Direttur

tal-Faċilita' St Vincent de Paul li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponu għat-talbiet attriċi.

Rat illi fuq talba tal-attur, il-Qorti ordnat fil-21 t'Ottubru 2020 l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet Pintley vs. Dr. Cutajar (Rik Kost 17/2016) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2019;

Rat illi l-partijiet inghataw termini sabiex jippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet;

Rat illi t-terminu mogħti lill-attur għadda inutilment filwaqt li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-31 t'Awwissu 2021[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet[2] fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2021;

Rat l-atti;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

[1] Paġna 113 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 127 et seq tal-proċess.

**Fatti**

L-attur jaħdem bħala *Nursing Aide* mat-Taqsima Infermeristika tal-Faċilita ta' San Vinċenz de Paul.

Fis-6 t'Awwissu 2018 għal ħabta tas-6.30pm SE, li għandha ħuwha JE, persuna vulnerabbli resident fil-Faċilita' li jbati mill-awtiżmu b'diffikulta' ta' komunikazzjoni, għamlet rapport lill-*customer care office* tal-Faċilita' li l-attur, li kien allokat ma' ħuwha, kien joqorsu fil-parti privata tiegħu filwaqt li jgħidlu kliem disppreġjattiv kif ukoll kien iweġġgħu bil-mod ġoff li kien jaġixxi meta jbiddillu n-"nappy". SE reġgħat marret fl-uffiċju tal-customer care aktar tard fis-6.55pm sabiex tinformhom li kien hemm resident ieħor, AA, fl-istess sala li seta' jikkonferma r-rapport tagħha.[3]

Dak il-ħin stess erba' uffiċjali fil-Faċilita', Joe Briffa (Night Duty Manger), Lauren Pulis, Elaine Dutton u Maria Vella, marru fis-sala fejn joqgħod JE, tkellmu mar-resident l-ieħor AA li kkonferma r-rapport ta' SE dwar ħuwha u żied jgħidilhom li hemm resident ieħor li jiġi fiżikament abbużat mill-attur. Ir-resident AA ġie intervistat minn dawn l-erba' uffiċjali li ttraskrivew dak li kien qalilhom. AA qalilhom li meta l-attur ikun ma' JE:

- Jiġbiddlu n-nappy b'mod selvaġġ;
- Joqgħod jaqbadlu l-parti privata tiegħu u jgħaddilu kummenti
- Jsabbtu fis-sodda

[3] Paġna 76 tal-proċess

- Jdawru bil-goff fis-sodda li jweġġħu;

Semmilhom ukoll fuq resident iehor li l-attur jagħmillu ma' wiċċu *sanitizing liquid* (alcohol) sabiex jisimgħu jitkellem ħażin.

Fir-rapport tagħhom dawn l-erba' uffiċjali kitbu illi r-resident AA li intervistaw "beda jibza hafna u beda jghid "idahhluniex f'inkwiet mieghu ghax nibza ghax jasal."

L-għada, fis-7 ta' Awissu 2018 Rudolph Cini, Chief Nursing Manager fil-Faċilita', informa lil Assistant Director HR fil-Faċilita', Audry Anne Apap Bugeja, li kien ta struzzjonijiet "not to allocate Mr Pintley in that ward. ................As per policy in the meantime while we are investigatiing and establish the way forward I suggest that Mr Pintley is relocated to non-caring duties......"

L-attur ġie trasferit mit-Taqsima Infermeristika tal-Faċilita ta' San Vinċenz de Paul għat-Taqsima tas-Servizz Ġenerali tal-istess Faċilita, u dan pendenti l-investigazzjoniijiet. B'differenza tat-taqsima minn fejn tneħħa l-attur, fit-taqsima li fiha ġie trasferit ma kienx hemm il-bżonn ta' sahra *(overtime).*

Fit-8 t'Awissu 2018, Mary Debono, Angelo Caruana u Mario Sant ġew inkarigati mill-amministrazzjoni tal-Faċilita' sabiex jifformaw Bord ta' Investigazzjoni preliminari sabiex jiġi investigat l-allegazzjonijiet li kienu saru minn S E dwar dak li kien qiegħed jgħaddi minn ħuha.

Dak li kellu jiġi stabbilit mill-Bord kien (a) jekk l-allegazzjonijiet għandhomx mis-sewwa jew le, u jekk fl-affermativ (b) jekk il-każ għandux jiġi mgħoddi lill-Pulizija sabiex ikomplu bl-investigazzjoni jew (ċ) hijix kwistjoni ta' proċedura dixxiplinarja.

Il-Bord ra l-*file* mediku ta' J E.

Il-Bord sema' xhieda u talab ukoll lil Redent Pintley sabiex jitla' jixhed fl-14 t'Awwissu 2018 iżda naqas milli jidher minħabba raġunijiet personali. Reġa' ġie mħarrek sabiex jixhed fis-17 t'Awwissu u għal darb'oħra naqas milli jidher. F'din l-aħħar ittra ta' taħrika, Pintley kien ġie informat li "fin-nuqqas tal-attendenza tiegħek inti tista' tagħti l-verżjoni tiegħek bil-miktub lill-Board Preliminarju."[4]

Il-Bord irraporta li "*He presented a letter to the administration* [datata 16 t'Awwissu 2016] *in which he challenged the procedures used leading to the appointment of this board. Furthermore, he claimed that the allegation against him were false*."[5]

Fost ix-xhieda mismugħa mill-Bord ta' Investigazzjoni kien hemm Rudolf Cini, Chief Nursing Manager. Fir-rapport tal-Bord jingħad hekk:

---

[4] Paġna 96 tal-proċess.
[5] Paġna 10 tar-rapport.

"Rudolf Cini, Chief Nursing Manager – Stated that Redent Pintley is a reliever and at present was assigned in Fatima Ward. Stated that Pintley performs night duty only. During his shift Redent was assigned a constant watch duty with F B and J E. Stated that he receives a number of complaints regarding Mr Redent Pintley but could never prove them. Said that a serious allegation concerning Mr Pintley was when a patient in Mater Dei hospital alleged that the latter threw a bottle of urine in his face. The patient in question subsequently died and this allegation was not proven. Mr Cini received a number of complaints of bullying committed by Mr Pintley and again these were never proven. Finally, he said that Mr Pintley has a reputation of being rough."

Il-Bord ta' Investigazzjoni sema' wkoll it-testimonjanza ta' resident ieħor fil-Faċilita' li xhed dwar aġir abbużiv ta' l-attur fil-konfront ta' żewġ residenti fil-Faċilita'.

Tressqu wkoll quddiem il-Bord ta' Investigazzjoni diversi dikjarazzjonijiet ta' kollegi tal-attur fejn prinċipalment jiċċertifikaw illi l-attur jaqdi d-doveri tiegħu b'mod tajjeb.

Il-Bord ta' Investigazzjoni ikkonkluda b'Rapport datat 17 ta' Awissu 2018 :

"1. In view of the above the Board feels that Redent Pintley should not be allowed any care duties with these vulnerable residents.

2. Finally, the Board feels that Redent Pintley should be brought before a Disciplinary Procedure Board."

B'ittra tat-23 t'Awwissu 2018, il-Kap Eżekuttiv tal-Faċilita San Vincent de Paul, l-konvenuta Dr. Josephine Cutajar informat lill-attur li kienet qed tieħu passi dixxiplinarji kontra tiegħu ai termini tar-Regolament 17 (1) tar-Regolament tal-2017 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u takkużah:

(a) B'abbuż minn persuni vulnerabbli li kienu fdati fil-kura tiegħu,

(b) Aġir immorali, indeċenti jew disonoervoli fuq il-post tax-xogħol,

(c) Aġir li x'aktarx iġib telf ta' reputazzjoni għad-dipartiment jew jagħti reputazzjoni ħażina lis-servizz pubbliku;

(d) Arroganza lejn, u żebliħ ta' residenti fdati fil-kura tiegħu;

(e) Imġiba intimidatorja lejn residenti fdati fil-kura tiegħu;

(D) Fastidju sesswali, u

(e) Negliġenza fit-twettiq tal-pretazzjoni tad-dmirijiet jew xogħol ta' kafkaf jew difettuż jew produzzjoni taħt l-i*standards*. [6]

L-attur ingħata għaxart ijiem sabiex jibgħat "ir-raġunijiet li bihom tħoss li m'intix ħati ta' dan ir-reat".

Wara li sema' diversi xhieda l-Bord ta' Dixxiplina ħareġ deċiżżjoni fit-13 ta' Awissu 2019 li permezz tagħha iddeċieda illi :

[6] Paġna 8 tal-proċess.

> "Given the above, and the fact that the allegations could not be corroborated by any other witness, the Disciplinary Board found Mr Redent Pintley NOT GUILTY of the allegations brought against him.
>
> Considering the seriousness of the allegations, the Disciplinary Board feels that the administration as SVP-LTC was most prudent and correct in deciding on the measures taken to ensure the necessary precautions until the case was decided by the Disciplinary Board."

Fost ix-xhieda mressqa quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kien hemm is-Sur Noel Sharples (*charge nurse*) u Dr. Stephen Mangion (*Resident Specialist (geriatrics))*. Dwar dak li xehdu dawn it-tnejn, fir-rapport jingħad hekk "*the former who informed the board of discipline that Mr. **** used to make several reports ranging from petty thefts by ward staff from patients' lockers to acts of sodomy by other patients, reports which were investigated and never substantiated. [...] Dr Mangion informed the Board that Mr. ***** tends to invent issues, akin to attention-seeking but had recently stopped forwarding allegations."*[7]

Il-Bord wara li qies ix-xhieda li tressqet quddiemu u l-fatt li x-xhieda kollha għajr ir-resident li ġie meqjus bħala xhud inaffidabbli, ikkonkluda fit-13 t'Awwissu 2019 li s-Sur Pintley mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

[7] Paġna 22 tal-proċess.

F'Settembru 2019 l-attur ġie trasferit lura bħala *Nurse Aide* u ingħata l-*allowances* tal-kategorija A li tilef fil-perjodu li kien fit-Taqsima tas-Servizz Ġenerali.

L-attur istitwixxa l-kawża odjerna fejn *inter alia* qed jallega li l-aġir tal-konvenuti fil-konfront tiegħu kien abbużiv u irregolari bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (a) in kwantu jikser l-Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll li huwa ultra vires ai termini ta' l-Artikolu 469A (1) (b) (i) (ii) (iii) u (iv); filwaqt li qed jitlob id-danni fl-ammont ta' €27,257.00 rappreżentanti t-telf finanzjarju li ġarrab fil-perijodu li dam trasferit f'taqsima oħra pendenti l-konklużżjoni tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti **Dr Ronald Fiorentino**, Direttur (Suprentendent) Mediku fil-Faċilita għall-Kura fit-Tul San Vinċenz de Paul xhed permezz ta' affidavit spjega li b'ittra tas-6 ta' Settembru 2018 mibgħuta minn Dr. Josianne Cutajar, Chief Executive Officer, ġie maħtur bħala *Chairperson* tal-Bord tad-Dixxiplina flimkien ma' Charles Vella u Charles Cilia sabiex jisimgħu x-xhieda u ssir evalwazzjoni tal-evidenza miġjuba rigwardanti l-każ. Spjega li s-Sur Pintley kien assistit minn Denis Tanti, filwaqt li r-rappreżentant tal-Faċilita kien l-avukat Dr. Stefan Balzan. Huwa kompla jispjega hekk:

"Il-bord kien ġie maħtur fuq rakkomandazzjoni ta' *Board of Investigation* li kien twaqqaf sabiex jevalwaw jekk kienx seħħ xi forma ta' abbuż fuq ir-

resident ......... fis-sala Fatima, San Vinċenz de Paul. Il-*Board of Investigation* kien talab sabiex is-sur Pintley jitressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina [...].”

Ix-xhud qal li Redent Pintley ma deherx quddiem il-Bord għall-ewwel żewġ seduti li kienu ġew iffissati sabiex jiddefendi ruħu u minflok huwa bagħat ittra lill-amministrazzjoni ta' San Vinċenz jistqarr li l-allegazzjonijiet kontrih kienu foloz. L-imsemmi kien ukoll ikkontesta l-proċedura li ntużat sabiex jiġi appuntat il-*Board of Investigation*.

Dr. Ronald Fiorentino spjega li fl-ewwel laqgħa mal-Bord tad-Dixxiplina, Denis Tanti kien ressaq diversi punti proċedurali kif ukoll talab li ssir talba mal-Kummissajoni tas-Servizz Pubbliku għal kjarifika dwar il-punti minnu mressqa. Ix-xhud qal li huwa fi żgur li qatt ma saret talba sabiex xi membru tal-Bord inkluż hu, jissottomettu r-riżenja tagħhom jew jirrikużaw lilhom nfushom minn fuq il-Bord. Kompla jispjega li min-naħa l-oħra huwa ma ħassx li kellu għalfejn jirrikuża ruħu in vista li la kien involut fl-investigazzjoni u lanqas fil-*Board of Investigation*. Ix-xhud għamilha ċara li għal xi żmien huwa ħadem bħala tabib fis-swali ġewwa San Vinċenz li fihom kien jaħdem l-attur pero dan ilu aktar minn għaxar snin. Jinsisti li hu u l-membri l-oħra tal-Bord mxew mingħajr pressjoni ta' ħadd.

Xehdet **Mary Grace Dalli**, *Chief Nursing Manager* ġewwa San Vinċenz. Hija ġiet mitluba tixhed dwar kif taħdem is-sistema tas-sahra ġewwa l-imsemmi residenza.

Ix-xhud spjegat li huma jkollhom nies li jkunu fuq *roster* fejn il-ħaddiema li jkunu *off duty* jistgħu jidħlu jaħdmu *overtime* wara li dawn ikunu taw id-disponibbilita tagħhom lill-uffiċċju. Ix-xhud spjegat li jekk m'hemmx *overtime* il-ħaddiem li rreġistra sabiex jaħdem *overtime* mhux ser jiddaħħal xogħol. Ix-xhud spjegat ukoll li l-ħaddiema jiddaħlu *overtime* meta l-kuntrattur ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovdi l-ħaddiema minn tiegħu. Is-Sinjura Dalli qalet li meta l-kuntrattur jipprovdi l-ħaddiema kollha hu, mhux qed jiddaħħlu nies bis-sahra u din tapplika wkoll għall-attur. In kontro-eżami x-xhud tgħid li l-attur kien qiegħed jissejjaħ sabiex jagħmel l-*overtime* bħal kull impjegat ieħor.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Din hija azzjoni msejsa fuq l-Artikolu 469A (1) (a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'referenza għall-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni kif ukoll msejsa fuq l-Artikolu 469A (1) (b) (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12.

L-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti huwa limitat għall-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-attur u ma

mhux eżami tal-mertu tal-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tal-attur li ġew trattati mill-Bord tad-Dixxiplina u mill-Bord ta' Investigazzjoni qablu.

Hija ġurisprudenza assodata illi meta l-Qorti tissindika għemil amministrattiv, ma tistaqsix jekk dan kienx għemil tajjeb jew ħażin imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, iġifieri jekk ġiex imħaddem fil-qafas tas-setgħat mogħtija lill-awtorita' pubblika mil-liġi. "L-istħarriġ ġudizzjarju huwa għalhekk mekkaniżmu fundamentali biex jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt. Għalhekk meta Qorti tissindika għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidieha b'oħra meħuda mill-Qorti stess;" ( **Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et** (Rik Ġur 446/2009) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020).

Fil-każ odjern l-attur qiegħed jallega li l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti fil-konfront tiegħu huwa null, invalidu jew mingħajr effett billi:

a. Jikser Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni (Art.469A (1) (a) );
b. Kien ultra vires peress li l-konvenuti ma kellhomx awtorita iwettqu dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (i));
c. Naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (ii));

d. L-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika peress li sar għal għanijiet mhux xierqa jew għal konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (Artikolu 469A (1) (b) (iii)); u
e. Li l-egħmil tagħhom imur kontra l-liġi (Artikolu 469A (1) (b) (iv)).

**Bord ta' Investigazzjoni Preliminari.**

Dak li wieħed jista' jiddiduċi mill-qari tal-premessi fir-rikors promotur huwa li l-ewwel ilment tal-attur jirrigwarda l-Bord ta' Investigazzjoni fis-sens illi skond l-attur tali Bord ma kellux għalfejn jiġi mwaqqaf meta mir-rapport tat-tabib li eżamina lir-resident konċernat ma kienx jirriżulta li sar abbuż. Jilmenta li l-konvenuta kellha tkkunsidra l-evidenza tat-Tabib Borg skont Sezzjoni 9 tal-i*Standards Operative Procedure* qabel twaqqaf il-Bord ta' Investigazzjoni. In oltre jilmenta li l-imsemmi Bord kien illimita l-investigazzjoni għax-xhieda ta' tlett persuni u ġew skartati xhieda oħra. Jinsisti li l-konvenuta ma kellhiex "tieħu miżuri daqstant drastiċi" kontrih "fuq il-konklużjonijiet ta' l-investigazzjonijiet dilettanteski ta' Bord li nħatar separatament mill-Bord tad-Dixxiplina"[8].

Huwa xieraq għalhekk li jiġi evalwat x'wassal sabiex inħatar l-imsemmi Bord, x'ikkunsidra dan il-Bord u x'kienu l-konklużjonijiet tiegħu.

[8] Premessa 13 tar-rikors promotur.

Fis-6 t'Awwissu 2018 sar rapport minn S E li ħuha kien qiegħed jiġi abbużat mill-attur billi misslu l-parti tiegħu u għadda kummenti mhux flokhom kif ukoll biddilhu l-ħarqa b'mod goff u li jweġġgħu.

Wara li saru l-investigazzjonijiet preliminari, dan ir-rapport, flimkien mal-informazzjoni mogħtija minn resident ieħor li jinstab ġewwa l-istess sala ġie mgħoddi fost l-oħrajn lill-konvenuti f'anqas minn siegħa u nofs wara li sar ir-rapport minn SE.[9]

**Bord ta' Dixxiplina**.

It-tieni ilment tal-attur huwa dwar il-Bord ta' Dixxiplina. B'ittra datata 23 t'Awwissu 2018, is-Sur Pintley ġie informat mill-konvenuta Dr. Josianne Cutajar li ai termini tar-Regolament 17 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03) (minn issa'l quddiem 'ir-Regolamenti' jew 'ir-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina'), hija kienet bi ħsiebha tieħu passi dixxiplinarji kontrih. Hija għamlitha ċara f'dik l-ittra li fl-opinjoni tagħha ir-reati li kien qed jiġi akkużat bihom kienu meqjusha serji. L-attur ingħata għaxart ijiem ta' xogħol mid-data li jirċievi l-ittra sabiex bil-miktub jgħidilha r-raġunijiet għaliex huwa m'huwiex ħati ta' dawn ir-reati. Ir-reati li bihom l-attur kien qed jiġi akkużat skont l-ittra kienu s-segwenti:

[9] Korrispondenza f'paġna 12 tal-proċess.

- “Meta tkun constant watch fis-sala PP3, inti ta’ spiss lir-resident JE taqbadlu l-parti tiegħu, toqorsu u tgħidlu dan minn fejn ġibtu;
- Li meta inti tbiddel il-ħarqa ta’ JE inti tagħmel dan b’mod raff, u b’riżultat ta’ hekk il-pazjent jispiċċa jgħajjat bl-uġiegħ.

Barra minn hekk inti tagħmel l-alcohol ma’ wiċċ resident ieħor, sempliċiment biex tisimgħu jidgħi. Għaldaqstant int qed tiġi akkużat:

- B’abbuż minn persuni vulnerabbli li kienu fdati fil-kura tieghek
- Aġir immorali, indeċenti jew disonorevoli fuq il-post tax-xogħol
- Aġir li x’aktarx iġib telf ta’ reputazzjoni għad-dipartiment jew jagħti reputazzjoni ħażina lis-servizz pubbliku
- Arroganza lejn, u żeblіħ ta’ residenti fdati fil-kura tiegħek
- Imġiba intimidatorja lejn residenti fdati fil-kura tiegħek
- Fastidju sesswali
- Negliġenza fit-twettiq tal-prestazzjoni tad-dmirijiet jew xogħol ta’ kafkaf jew difettuż jew produzzjoni taħt l-istandards.”[10]

I-*Chairperson* tal-Bord tad-Dixxplina kien il-konvenut Dr. Ronald Fiorentino u l-membri kienu Mr. Charles Vella u Mr. Charles Cilia. Quddiem l-imsemmi Bord, is-Sur Pintley iddikjara li huwa m’huwiex ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. Mir-rapport datat 13 t’Awwissu 2019 jirriżulta li l-attur ressaq numru ta’ xhieda. Kienet fuq din ix-xhieda mressqa mill-attur kif ukoll fuq il-fatt li l-allegazzjonijiet ta’ wieħed mir-residenti ma ġewx korraborati minn xhieda oħra u għalhekk il-Bord ta’ Dixxiplina ikkonkluda li l-attur ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Il-Bord qies ukoll li in konsiderazzjoni tal-

[10] Paġna 8 tal-proċess.

allegazzjonijiet serji, "*the Disciplinary Board feels that the administration at SVP-LTC was most prudent and correct in deciding on the measures taken to ensure the necessary precautions until the case was decided by the Disciplinary Board.*"[11]

Ikkunsidrat;

Hekk ikkunsidrat l-ilmenti tal-attur u l-fatti marbutin ma' dawk l-allegazzjonijiet il-Qorti sejra tqis jekk l-attur għandux mis-sewwa f'dak li qiegħed iressaq f'din l-azzjoni.

***Ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat.***

Il-Qorti tqis pertinenti li tibda billi tosserva li huwa ben saput li mhux lakemm wieħed iressaq azzjoni ġudizzjarja iżda dik l-azzjoni għandha tkun sostanzjata bi provi rilevanti u konvinċenti.

Tajjeb ukoll jiġi rilevat illi l-mertu tal-kawża odjerna ma hux jekk l-attur hux ħati ta' l-akkużi li kienu tresqu kontra tiegħu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina iżda jekk l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jiksirx il-provvedimenti tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

[11] Paġna 24 tal-proċess.

Għalkemm il-livell tal-provi m'huwiex għoli bħal dak meħtieġ fi proċeduri penali, l-attur f'kawża ċivili bħal dik odjerna huwa marbut li jressaq l-aħjar provi sabiex jikkonvinċi lill-Qorti li dak li huwa qiegħed iressaq quddiemha għandu mis-sewwa u li t-talbiet jistħoqq li jiġu milqugħa. Din il-Qorti ma tistax tgħaddi sabiex tilqa' talbiet fuq sempliċi presuppożizzjonijiet jew allegazzjonijiet.

Intqal illi "gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet." (**Martin Cassano vs. Alessandro Cassano** (Rik Ġur 783/2014) deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Lulju 2016).[12]

Ai termini tal-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". In oltre din il-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni.

[12] Ara wkoll **Zammit vs Petrococchino** Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) deciza fil-25 ta' Frar 1952, u **Vassallo vs Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986.

Jekk l-attur jonqos milli jġib l-aħjar prova din tissarraf fi żvantaġġ għalih. Din ġiet kkunsidrata fil-kawża **Mario Galea vs. Joseph Buhagiar** (Ċit Nru1565/1996) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 2004 fejn ingħad is-segwenti:

> "Premessi dawn il-provi, din il-Qorti tibda biex tippuntwalizza, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi skond il-principju maghruf ta' l-oneru tal-provi l-attur hu obbligat li jiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnu. [...] Dan l-obbligu normattiv tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) huwa hekk vitali in kwantu jispetta lill-attur li jgib provi tal-fatt allegat u b' hekk jsostni l-bazi tat-talba tieghu. Il-kwalifikazzjoni stess tad-deduzzjoni probatorja qua oggett ta' oneru necessarjament, u guridikament, taghmel dawn il-provi impellanti fuq l-attur li hu gravat b'dan l-oneru. Jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-fatt allegat jibqa' fi stat ta' incertezza jew ta' dubbju, dan id-dizimpenn fl-attur jittraduci ruhu fi zvantagg ghalih. Dan ghaliex huwa l-attur li hu mghobbi bil-piz li joffri c-certezza tal-fatt u jekk allura hu jonqos milli jiskarika dan il-piz jigi li hu ma pprovax adegwatament u sodisfacentement il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu;"

Dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru għaliex kif ser jiġi muri waqt l-eżami ta' kull sub-inċiż tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, l-attur naqas milli jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu bi provi. L-unika prova li l-attur ressaq in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu huma l-ittra li biha ġie informat li kien hemm il-ħsieb li jittieħdu proċeduri dixxiplinarji, ir-rapporti li saru minn AA u S E, l-*SOP for*

*Reported Abuse of Resident/s*, ir-Rapport tal-Bord tad-Dixxiplina, l-ittra uffiċċjali mibgħuta minnu datata 28 ta' Jannar 2020 u nota bl-FS3s għas-snin 2011 sa 2019 flimkien mal-*Pay Roll History* mensili għas-sena 2020.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel talba tiegħu l-attur prattikament jiċċita Artikolu 469A tal-Kap. 12 fit-totalita' tiegħu mingħajr ma jispeċifika liema sub inċiżi qed jinvoka fir-rigward ta' liema egħmil amministrattiv attakkat, la fil-premessi u wisq anqas fit-talbiet. Bħal donnu ħalla f'idejn il-Qorti il-kompitu li tlaqqa' l-ilmenti individwali tiegħu mas-sub inċiż applikabbli.

Tajjeb jiġi rilevat li l-azzjoni hija tal-attur u mhux tal-Qorti u għalhekk l-attur kellu jkun ċar fl-azzjoni tiegħu dwar liema lment jaqa' taħt liema sub-inċiż.

Din il-Qorti hija għalhekk kostretta tiddetermina hi liema huwa dak l-egħmil amministrattiv ikkontestat li possibilment jista' jaqa taħt kull sub-inċiż.

**L-Allegazzjoni tal-Attur li ma ġiex rispettat Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Art 469A (1) (a)**:

L-attur naqas milli juri lil din il-Qorti kif l-imġiba tal-konvenuti jew min minnhom kisru d-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni. Tinnota wkoll li l-ebda referenza ma saret mil-legali tal-attur għal dan l-artikolu matul it-trattazzjoni finali quddiem il-Qorti.

Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni invokat mill-attur fl-ewwel talba tiegħu jaqra kif ġej:

> (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:Iżda l-Prim Ministru jista', billi jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub, salvi dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fid-dokument ta' delega, kull waħda mis-setgħat imsemmija f'dan is-subartikolu lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jista' jkun speċifikat fid-dokument.

Huwa minnu li dan l-artikolu jagħmel referenza għat-teħid ta' proċeduri dixxiplinarji kontra persuni li jokkupaw karigi fis-servizz pubbliku bħalma hu l-attur; u huwa minnu wkoll li fil-każ odjern ittieħdu passi dixxiplinarji kontra l-attur, kif diġa ingħad aktar 'l fuq. Pero' huwa naqas milli jispjega u kif ġie leż l-Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni tiegħu meta ttieħdu tali proċeduri kontirh.

**L-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuti ma kellhomx awtorita iwettqu dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (i)).**

Taħt din il-kappa l-Qorti tifhem li l-attur qiegħed jilmenta dwar it-twaqqif mill-konvenuta Dr Josephine Cutajar tal-Bord ta' Investigazzjoni Preliminari L-attur isejjes din il-pretensjoni fuq Sezzjoni 9 tal-i***Standards Operative Procedure (SOP) for Reported Abuse of Resident/s***[13]

L-għan wara l-i*Standards Operative Procedure for Reported Abusie of Resident/s* huwa sabiex tinġabar l-informazzjoni kollha rilevanti li tista' sservi bħala evidenza fil-futur. Meta r-rapport isir mal-*Customer Care*, kif ġara fil-każ odjern, l-uffiċċjal għandu jimla l-formola *Report of Suspected Resident Abuse* flimkien mal-persuna li qiegħda tagħmel ir-rapport, liema rapport għandu jingħadda lis-*Senior Nursing Manager* jew lin-*Night Manager.* Dan tal-aħħar għandu fi żmien siegħa jinforma liċ-*Chief Nursing Manager* jew delegat tiegħu li qiegħda ssir investigazzjoni, jiġbor stqarrijiet, jiġbor rapport tat-tabib jew tas-*social worker*, u jinforma liċ-*Chief Nursing Manager* jew delegat bir-riżultanzi. Iċ-*Chief Nursing Manager* jew delegat tiegħu għandu jirrapporta liċ-*Chief Executive Officer* u lis-Supretendent. L-i*standard* ikompli jaqra hekk:

> *"9. Depending on the seriousness of the case from the gathered evidence, and depending on who the alleged perpetrator is, the final collective*

[13] Kopja tinsab f'paġna 14 tal-proċess

*decision, made by the office of the Medical Director and the office of the Chief Nursing Manager, should indicate whether to:*

*9.1 Call Hospital Surveillance Officer.*

*9.2 File a Police Report.*

*9.3 **Set up an Internal Investigation Board**.*

*9.4 **Temporarily transfer out of area if the alleged perpetrator is a member of staff or another resident**.*

*9.5 Suspend from work if the alleged perpetrator is a member of staff.*

*9.6 Temporarily prohibit visiting if the alleged perpetrator is a visitor."*[14]

*(sottolinear tal-Qorti).*

Mill-qari ta' dawn l-i*standard operative procedure regulations, a contrario* ta' dak li jippretendi l-attur, il-konvenuta Dr. Josephine Cutajar kellha kull setgħa u obbligu li twaqqaf Bord ta' Investigazzjoni Preliminari b'urġenza kif ukoll obbligu li bħala miżura ta' prekawzjoni, tenut kont il-gravita ta' dak li kien qed jiġi allegat fil-konfront tal-attur, li titrasferixxi lill-attur għal sezzjoni oħra sakemm jintemmu l-proċeduri skattati kif fuq imsemmi.

Skond Regolament 17 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina (PSC Disciplinary Regulations 2017), meta l-Kap ta' Dipartiment ikun mgħarraf li uffiċċjal fid-dipartiment tiegħu jista' jkun ħati ta' mġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina, huwa għandu l-ewwel jinvestiga qabel ma jipprepara dikjarazzjoni bil-miktub bl-akkuża jew l-akkużi kontra dak l-uffiċjal. F'dak ir-rigward

[14] Paġna 16 tal-proċess. Enfasi miżjud.

għalhekk il-konvenuta kienet qiegħda taġixxi fis-setgħat tagħha meta waqfet Bord ta' Investigazzjoni Preliminari.

L-attur ma ppreżenta l-ebda prova li turi li l-Bord ta' Investigazzjoni ma setax jitwaqqaf mill-konvenuta għaliex ma kellhiex is-setgħa li tagħmel hekk. Anzi kien l-istesss attur li ppreżenta kopja tal--i***Standards Operative Procedure (SOP) for Reported Abuse of Resident/s***[15] u għamel referenza għal sezzjoni 9 tal-istess li b'mod ċar u inekwivoku turi li wieħed mill-azzjonijiet li tista' tittieħed hija it-twaqqif ta' Bord ta' Investigazzjoni: "Set up an Internal Investigation Board".[16]

**L-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuti naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (ii));**

Għalkemm Artikolu 469A ma jagħtix definizzjoni ta' ġustizzja naturali, huwa ormai llum paċifiku illi meta si tratta ta' korp b'funzjoni li jiġġudika jkun qed jaġixxi fil-parametri tal-ġustizzja naturali jekk isegwi l-massima legali "nemo judex in causa propria" kif ukoll "audi alteram partem".

Ġie ritenut illi l-prinċipju ta' *audi alteram partem* huwa prinċipju fundamentali ta' ġustizzja naturali li huwa impliċitu f'kull proċediment li fih trid tiġi

[15] Kopja tinsab f'paġna 14 tal-proċess
[16] Dok RP2 anness mar-rikors ġuramentat f'paġna 14 tal-proċess

amministrata l-ġustizzja. "Dan il-principju jimplika li ebda persuna ma ghandha tigi ggudikata minghajr ma tinghata opportunita` xierqa li tipproduci x-xhieda taghha u twiegeb ghall-evidenza prodotta mill-parti kuntrarja" (**Edwin Zarb et v. Gilbert Spiteri et** - Qorti tal-Appell - 6 ta' Frar 2015).

Daqstant ieħor importanti l-prinċipju *nemo judex in causa propria* intiż sabiex jipproteġi lil min qed jiġi ġudikat billi jesiġi illi min qed jieħu xi forma ta' deċiżżjoni fil-konfront ta' ħaddieħor m'għandux ikollu xi interess f'dak li jkun qed jiġi deċiż.

Issir ukoll referenza għas-sentenza **Mare Blu Tuna Farm Ltd vs. Direttur Ġenerali tas-Sajd u Akkwakultura** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Frar 2022 fejn ġiet iċċitata ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' ġustizzja naturali:

> "32. Intqal li «*mal-ewwel regola hu allaċjat il-prinċipju notorju ta' l-imparzjalità u allura tan-neċessità li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qiegħda ssir.*» (ara ***Avv. Dr. Antonio Caruana v. Caterina Gerada***", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola, din ħafna drabi tħaddan kwalsiasi materja ta' «*fair hearing*» u tal-prinċipju tal-«*equality of arms*» (**Antonio Sammut v. John Bell McCance**, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' Mejju, 1946);
>
> 33. Mal-mogħdija taż-żmien, minbarra l-kunċetti tal-imparzjalità u tas-smigħ xieraq, il-ġurisprudenza daħlet fost il-prinċipji tal-ġustizzja naturali

anke l-prinċipju tal-għoti tar-raġuni i.e. tal-motivazzjoni xierqa fid-deċiżjoni (ara **Alfred Sant nomine v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell, 4 ta' Marzu 1992 u **Mary Zarb v. Emma Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007);"

L-attur naqas għal darb'oħra milli jindika liema huwa dak il-prinċipju jew dawk il-prinċipji ta' ġustizzja naturali li ma ġewx osservati mill-konvenuti.

Il-Qorti tosserva li kemm quddiem il-Bord ta' Investigazzjoni Preliminari kif ukoll meta ġie informat li kien hemm il-ħsieb li ser jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontrih kif ukoll quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, l-attur ingħata l-opportunita sabiex isemma leħnu u jagħti l-verżjoni tiegħu. Ta' minn jinnota li quddiem il-Bord ta' Investigazzjoni, l-attur ingħata żewġ opporunitajiet jidher u ingħata wkoll l-opportuni jressaq il-verżjoni tiegħu bil-miktub fil-każ li ma jistax jitla quddiem il-Bord. L-attur fil-fatt qatt ma deher personalment quddiem l-imsemmi Bord, iżda huwa bagħat il-ħsibijiet tiegħu bil-miktub u l-Bord ħa kont li Pintley kien qiegħed jikkontesta l-allegazzjonijiet bħala foloz.

In oltre fl-ittra li biha ġie informat li kien hemm il-ħsieb li jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontrih, kemm ai termini tad-*Disciplinary Actions Policy 2017* ta' San Vinċenz de Paul kif ukoll ai termini tar-Regolament 17 (1) (b), l-attur kien ġie informat li huwa kien qiegħed jingħata għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tan-notifika tal-ittra sabiex bil-miktub iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih, waqt li jiddikjara r-raġunijiet sabiex jiskolpa ruħu.

Ma jirriżultax mill-atti li l-attur ippreżenta risposta.

Il-konvenuta Dr Cutajar segwit il-proċedura stabbilita permezz tal-*policies* imsemmija aktar 'l fuq kif ukoll fit-termini tar-Regolament 17 (1) (f), meta resqet il-każ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

L-attur ukoll ingħata l-opportunita li jagħti l-verżjoni tiegħu quddeim il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll li jħarrek xhieda. Ma jidhirx mill-atti li l-attur qiegħed jikkontesta li l-proċedura quddiem dan l-aħħar Bord ma mxitx skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Li qiegħed jillamenta hawn huwa li l-konvenut Dr. Ronald Fiorentino kellu konflitt ta' interess meta skont l-attur kien Dr. Fiorentino li ddeċieda fuq is-serjeta tar-rapport dwar abbuż ta' resident u x'azzjoni għandha tittieħed u għalhekk kellu kull interess li jiddefendi l-azzjoni li ttieħdet kontra l-attur mill-amministrazzjoni tal-Faċilita.

Għal darb'oħra l-attur ma ġab l-ebda prova li turi li l-konvenut Dr Ronald Fiorentino kien direttament involut fid-deċiżjonijiet minnu msemmija. Pjuttost għandu jingħad li Dr. Fiorentino stess ħalef permezz t'affidavit li huwa ma kienx involut fl-investigazzjoni tal-ilment u lanqas fil-Bord ta' Investigazzjoni. L-attur lanqas m'għamel matul il-kawża odjerna il-kontro-eżami ta' Dr Fiorentino nonostante li kellu kull opportunita' li jagħmel dan.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur qatt ma ressaq xi ilment quddiem il-Bord ta' Dixxiplina li ċ-*Chairperson* tiegħu kellu konflitt ta' interess. Għalkemm iċ-*Chairpersons* ta' dawn il-Bordijiet għandhom jinformaw lis-Segretarju Permanenti rispettiv dwar xi konflitt sabiex jiġu nominati sostituti, l-attur ukoll

kellu rimedju għad-dispożizzjoni tiegħu jekk dak ma jsirx. Dan huwa maħsub taħt ir-Regolament 18 (7) tar-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina liema jipprovdi li

> "Meta jitressqu ilmenti serji mill-uffiċjal akkużat jew mir-rappreżentant tiegħu li ċ-Chairperson u, jew xi membru ieħor tal-Bord ikunu b'xi mod preġudikati kontrih, l-uffiċjal akkużat jista' jagħmel petizzjoni quddiem is-Segretarju Permanenti qabel ma jibda jinstema' l-każ. [...]"

Tali proċedura l-attur ma jidhirx li għamel użu minnha u għalhekk għandu jiġi assunt li huwa ma kellu l-ebda oppożizzjoni li Dr. Ronald Fiorentino jkun ċ-*Chairperson* tal-Bord ta' Dixxiplina.

Ma hux konsentit li l-kontestazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' wieħed mill-membri tal-Bord ta' Dixxiplina ssir wara li l-Bord ikun għamel il-konsiderazzjonijiet u ħareġ ir-r-rapport tiegħu finali speċjalment meta wieħed jikkonsidra illi l-ilment tal-attur fir-rigward ma hux dwar id-deċiżżjoni tal-bord fil-konfront tal-attur iżda dwar konsiderazzjoni li saret fil-parti konklussiva tar-rapport finali tal-Board ta' Dixxiplina.

**L-allegazzjoni tal-attur li l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (Artikolu 469A (1) (b) (iii))**

Taħt din il-kappa wieħed jista' jikkonsidra l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta Dr Cutajar ħadet passi kontrih fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u wkoll li trasferiment temporanju tiegħu għal sezzjoni oħra ġewwa l-Faċilita kienet imsejsa fuq "konklużjonijiet ta' l-investigazzjonijiet dilettanteski"[17]. Hawn ukoll l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar dawn l-allegazzjonijiet.

Sabiex imġieba titqies abbużiva jeħtieġ li min jallegaha juri sodisfaċentement li kien l-imġieba kienet riżultat ta' intenzjoni sabiex dak li jkun jagħmel il-ħsara. Il-prova rilevanti fir-rigward trid tikkonsisti f'xi prova ta' imġieba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. (**Maggur Ivan Consiglio vs L-Onorevoli Prim Ministru et )**

L-attur issottometta fil-paragrafu 14 tar-rikors ġuramentat li l-Bord ta' Investigazzjoni ma kellux jitwaqqaf għaliex mill-evidenza miġbura mit-Tabib Jordy Borg kien ġie rapportat li ma kien sab l-ebda sinjal t'abbuż. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-premessa. L-eżami mediku minn Dr Jordy Borg fi żmienb siegħa minn meta daħal ir-rapport sar fit-termini tar-regolamenti senjatament paragrafu 5. Il-fatt li tabib ma jsibx marki viżibbli fuq il-persuna mhux neċessarjament ifisser li ma jkun sar l-ebda abbuż. Inoltre ir-rapport li kien sar mal-*customer care office* fil-konfront tal-attur kien dwar allegazzjoni ta' aġir li mhux neċessarjament iħalli marki viżibbli fuq il-vittma.

[17] Premessa 13 tar-rikors promotur.

Għalhekk ma jgħidx sew l-attur illi ġialadarba t-tabib li eżamina lil JE ma sab l-ebda evidenza ta' vjolenza fuq il-persuna allura l-konvenuta Dr Cutajar ma kelliex twaqqaf il-Bord ta' Investigazzjoni.

Jirriżulta mill-atti li kien sar ukoll eżami mediku minn Dr. Stephen Mangion li sar fil-kors tal-investigazzjoni da parti tal-Bord ta' Investigazzjoni Preliminari. Qed jingħad hekk għaliex mill-file mediku ta' JE eżebit jirriżulta li Dr Mangion eżamina lil JE fl-10 t'Awwissu 2018 u għalhek sar fil-konfini ta' l-investigazzjoni preliminari. Hemm irraportat hekk "*no evident injuries or lesions noted including in nappy area.*"[18]

Ma jistax jingħad għalhekk li l-konvenuta waqfet il-Bord ta' Investigazzjoni fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Mill-i*Standards Operative Procedure for Reported Abusie of Resident/s* paragrafu 5.3[19] jidher ċar li r-rapport mediku huwa użat biss sabiex jiġi determinat jekk għandux isir rapport tal-allegat abbuż lill-Pulizija u mhux sabiex jiġi determinat jekk għandhomx jitkomplew l-investigazzjonijiet fir-rigward ta' allegat abbuż fuq resident tal-Faċilita'.

Partikolarment relevanti ghall-mertu ta' din il-kawza huwa l-insenjament tal-awtur Gardner fil-ktieb tieghu ***Administrative Law*** (8th *edition,* p. 224) fis-sens illi:

[18] Paġna 88 tal-proċess.
[19] "5.3 In the event that the medical examination reveals a case of abuse, then the Medical Superintendent or delegate should be immediately informed by the Medical Officer or Social Worker to consider filing a police report." Paġna 15 tal-proċess.

"*It is important to note that the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with how they were considered, or concerned with what weight was accorded to each. As Forbes J put it in Pickwell vs Camden London Borough Council (1983)*

*'...the court is not concerned with whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine..'* "

Fir-rigward tat-trasferiment tal-attur pendenti l-proċeduri, l-Qorti tosserva li tali egħmil sar fuq eżerċizzju diskrezzjonali tal-konvenuta gwidat pero' mir-regolamenti fuq ċitati. Ingħad li "b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtoriżżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni." (**Raymond Camilleri et. vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta et**. – Prim' Awla - 24.02.2022)

Ġie ritenut fis-sentenza **Robert Nicholas Borg et vs. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol et** (Rik Ġur 1274/2011) deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fil-21 t'Ottubru 2021 li:

"mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita` mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtoriżżata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet b'bona fidi u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

[...]

Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq."

Fil-każ de quo l-attur jilmenta li huwa ġie trasferit meta ma kienx hemm raġuni għal dan. L-attur mhux korrett.

Għall-kuntrarju jirriżulta ampjament illi t-traferiment temporanju tal-attur mhux biss sar fit-termini tar-regolamenti applikabbli fuq ċitati iżda jirriżulta ampjament ukoll li sar għal għanijiet xierqa u fuq konsiderazzjonijiet rilevanti bl-iskop li pendenti l-investigazzjoni u eventwali proċeduri ta' dixxiplina tingħata attenzjoni massima l-protezzjoni ta' residenti vulnerabbli bħala miżura ta' prekawzjoni u mhux bħala miżuta ta' kastig.

Il-Qorti Kostituzzjonali f'kawża oħra intavola mill-attur in relazzjoni ma' akkużi oħra, u ċioe fis-sentenza fl-ismijiet **Redent Pintley et vs. Dr. Josianne Cutajar** (Rik Kost 17/2016) deċiża fit-12 ta' Lulju 2019 irriteniet li:

> "iċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-attur jaħdem ma' persuni vulnerabbli li ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom, kien ċertament għaqli illi, meta tqis l-akkuża serja magħmula kontra l-attur, jittieħdu minnufih passi maħsuba biex jipproteġu lill-pazjenti sakemm tintemm l-investigazzjoni, u r-reg. 12(3) jagħti lill-konvenuta s-setgħa li tagħmel dak li għamlet. Għandu jingħad illi s-sospensjoni kienet taħt ir-reġ. 12 – "każ ta' allegat reat gravi" – u mhux taħt ir-reg. 11 – imġiba ħażina jew ksur ta' dixxiplina jew nuqqas li jobdi ordni leġittima. Anzi, kienet tonqos l-attriċi li kieku ma ħaditx dawk il-passi u ħalliet persuni vulnerabbli esposti għallperikolu ta' mġieba bħal dik li l-attur kien mixli biha. Iċ-ċirkostanzi kienu mhux biss jippermettu iżda anzi jesiġu sospensjoni bħala miżura kawtelatorja."

Din il-Qorti għalhekk issib illi taħt din il-kappa l-attur ma seħlux jipprova li l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita'pubblika tagħhom billi jirriżulta illi sew il-ħatra tal-Bord ta' Investigazzjoni prelimianri, sew il-ħatra tal-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll it-trasferiment temporanju tal-attur saru kollha għal għanijiet xierqa u fuq konsiderazzjonijiet rilevanti.

**L-allegazzjoni tal-attur li l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti imur kontra l-liġi (Artikolu 469A (1) (b) (iv))**

Taħt dan is-sub-inċiż, l-attur naqas milli jindika xi artikolu partikolari fil-liġi li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jsegwu fit-twettieq tal-egħmil amministrattiv tagħhom għajr għal referenza għall-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni li ressaq pero taħt il-kappa tal-Artikolu 469A (1) (a) li ġiet trattata supra.

Ikkunsidrat;

Meqjusa s-sub-inċiżi kollha tal-Artikolu 469A il-Qorti tikkonkludi li l-attur naqas milli jġib prova li l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti kiser il-Kostituzzjoni jew li kien *ultra vires.*

Konsegwentement issib illi l-ewwel talba ma hiex mistħoqqa u qed tiġi miċħuda.

Stante li t-talbiet attriċi l-oħra huma korollari għall-ewwel talba u għall-akkoljiment tagħhom kien meħtieġ qabel xejn li tiġi akkolta l-ewwel talba attriċi, isegwi illi anke l-kumplament tat-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi l-kawża billi;

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn fuq deċiż;

2. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur peress li ma weriex illi l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti kiser il-Kostituzzjoni jew kien *ultra vires* fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi l-oħra.

Bl-ispejjeż kontra l-attur..

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

7 t'April 2022

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**